# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 30/K10/25**

Data tal-laqgħa: 11 ta' Ġunju 2026

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Victor Vella – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Mario Amaira – Kunsillier
Carlo Mifsud - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II

Preżenza tal-pubbliku – (1)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

30.1.01 Il-Kunsilliera David Caruana u Gabriel Borg Ferrando talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**30.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 28/K10/26 u 29/K10/26.

30.2.02 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

30.2.03 Il-Kunsillier Mario Amaira ssekondaħ.

30.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**30.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

30.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6732 sa' 6757 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

30.3.02 Dwar il-Purchase Request Sheets, il-Kunsill qabel unanimament.

30.3.03 Il- Kunsillier Victor Vella ppropona l-iskeda tal-pagament.

30.3.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondat.

30.3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**30.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

30.4.01 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci wasal fil-5.46p.m.

30.4.02 Dwar Ġnien Saver Zarb, iċ-Ċermen informa li l-Kunsill li x-xogħol lest u għadu qed jistenna d-data meta ser jinfetaħ ġnien.

30.4.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Cofffee Morning ta' Villa Arrigo u l-ħarġa ta San Girgor saru u kienu ta suċċess filwaqt li fit-12 ta' Lulju ser issir il-Beachfest fil-Bajja ta' San Ġorġ.

30.4.03 Iċ-Ċermen informa li iċ-ċint ta' Xatt is-Sajjieda (ħdejn il-Cavallieri Hotel) għalkemm min naħa tal-ERA l-proġett ġie aċċettat kellha tintela il-formola LC1 sabiex il-Kunsill ikun jista' jara jekk l-art hux privata jew pubblika.

30.4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*hedges* tal-*promenade* daqt isir ix-xogħol neċessarju.

30.4.05 Iċ-Ċermen informa li l-area meeting ta' Paceville sar fit-28 t'April u ġie deċiż unanimament li għalissa l-area meetings ta' The Village, Ta' Giorni, l-general meeting u l-laqgħa tas-Sajjieda jiġu posposti minħabba li daħal is-Sajf u dawn isiru wara Settembru.

30.4.06 Dwar Xatt is-Sajjieda, ġie deċiż li jitwaħħlu l-*yellow notices* ma kull trailor jew dagħjsa li naħsbu li għandu jitneħħa mill-area u li din bil-liġi jtik ċans 10 t'ijiem. Dan il-proċess għandu jsir bil-miftiehem mal-Pulizija tal-Komunità.

30.4.07 Iċ-Ċermen informa li l-iskema tad-dog park għaddiet mil-evalwazzjoni u qed nistennew il-permess li nistgħu nibdew ix-xogħol. Dwar l-area li hemm fi Triq Jean Houel u li kien hemm ħsieb li jsir bird park, minħabba li din ma stajniex ndaħluha fl-iskema, ġie deċiż li x-xogħol għandu jsir mill-Kunsill u jibda x-xogħol meta jiġi magħżul il-kuntrattur tat-tender il-ġdid tas-soft areas biex ikun jista' jagħmel ix-xogħol hu stess.

30.4.08 Iċ-Ċermen tkellem dwar il-problema li hemm ta Triq Josef Calleja li l-unika ħruġ minnha hu Triq il-Mensija. Il-Kunsill ta San Giljan flimkien mal-Kunsill tas-Swieqi bagħtu ittra bis-sketch magħha li tispjega l-problema lill-Awtorità tal-Ippjanar, Infrastructure Malta u l-Awtorità tal-Artijiet.

30.4.09 Intbagħtet l-ittra dwar il-Bus Stop li jinsab ħdejn l-Ispar Supermarket fi Triq Ċensu Tabone fejn il-Kunsill talab li din il-bus stop tiġi trasferita ħdejn il-Kunvent tal-Patrijiet wara l-Knisja tal-Balluta. Il-Kunsillier Mario Amaira ġibed l-attenzjoni dwar il-parkeġġi li saru quddiem il-Knisja tal-Balluta u l-Kunsill qabel li l-ispazju tan-no parking għandu jonqos u jiżdied l-ispazju għal parkeġġ.

30.4.10 Dwar it-toilets ta' Xatt is-Sajjieda, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn ser jerġgħu jsiru u ser jitpoġġew viċin il-moll ta' ħdejn il-Cavallieri Hotel. Dawn ser jitpoġġew min-nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2026 sal-aħħar ta' Settembru.

30.4.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ntbagħtet l-ittra dwar il-Y-Plates lill-Transport Malta.

30.4.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill kellu laqgħa mal-kuntrattur li ħadem it-taraġ Attard Kingswell, u ġie deċiż li parti mill-bankina terġa' tinqala biex terġa tiġi għal mod oriġinali tagħha, jiġifieri li l-ilma jgħaddi minn taħt it-triq għal ġol baħar.

30.4.13 Il-Kunsill ġie infurmat li fl-area ta' San Ġiljan, Gżira u Ta' Sliema ser ikun *patrol* kontinwu minn Uffiċċjali tat-Transport Malta biex jaraw dwar permessi, traffiku u problemi oħra li jistgħu jinqalgħu.

30.4.14 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dwar il-van (aħdar) li qed ikun ipparkjat u jbiegħ biljetti fil-parkeġġ ħdejn in-Neptunes faċċata c-City of London Bar, ntbagħtet ittra lis-Supretendent tal-Pulizija biex jara jekk dan il-van għandux permess u jekk le jistax jitnehha. Jekk ir-risposta tkun li ma jistax jitneħħa, l-Kunsill għandu jingħata raġuni valida. Il-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona li f'dawn l-parking bays ssir tabella li karozza tista' tipparkja massimu sa' 45 minuti. Iċ-Ċermen għandu jiċċekkja ma' Transport Malta kif għandha ssir eżatt din it-tabella.

30.4.15 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dwar il-life long learning ġiet aċċettata l-applikazzjoni għal health & well-being. L-uffiċċjali tal-Ministeru marru jiċċekkjaw il-post (is-sala parrokkjali tal-Kappillan), sabu li l-kundizzjonijiet huma tajbin u daqt jinfetħu l-applikazzjonijiet għal-pubbliku.

30.4.16 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri, ġibdet l-attenzjoni dwar il-laqgħa li kellha ssir ma Dr. Wright. Iċ-Ċermen informa li ma Dr. Wright baqa' li ser nirċievu d-dati mingħandu. Sadanitant ser jerġa jsir kuntatt miegħu sabiex itina d-dati għal-laqgħat miegħu.

30.4.16 Iċ-Ċermen nforma li l-Kunsill li minn din il-ġimgħa l-pubbliku jista' jibda jħallas l-kontijiet tal-ARMS fil-uffiċċju tal-Kunsill. Hu għamilha ċara li l-pagamenti jridu jsiru bi flus kontanti biss u diffikultajiet dwar kontijiet m'għandhomx jiġu diskussi fil-Kunsill imma jiġu riferuti għad-dipartiment tal-ARMS.

***30.5 Għażla tal-bord għal evalwazzjoni ta' Tender for the Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in San Giljan using Environmentally Friendly Products and Practices u għal-kwotazzjoni ta' Mini Bus matul il-perjodu tas-Sajf.***

30.5.01 Iċ-Ċermen informa li l-kwotazzjoni tal-Mini Bus intrebħet mis-Sur Glenn Callus. L-bord tal-evalwazzjoni kien magħmul mis-Sur Chris Falzon, Cher Carmen Fenech bħala Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku Guido Dalli, l-Viċi Sindku Sean Gauci u l-Kunsillier Mario Amaira. Ġiet preżentata kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni.

30.5.02 Fuq il-bord tal-evalwazzjoni tat-tender tas-soft areas, ġie deċiż li dawn ikunu, is-Sur Chris Falzon, is-Sinjorina Cher Carmen Fenech bħala Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku Guido Dalli u l-Kunsilliera

Mario Amaira bħal l-Minority Leader u Victor Vella bħala l-Kunsillier inkarigat mill-Ambjent.

30.5.03 Ic-Ċermen nforma li minħabba li l-kuntrattur tat-tender il-ġdid li minħabba li l-kuntrattur il-ġdid mhux ser ikun magħżul qabel l-bidu ta' Lulju ser ikun qed jiġbor tlett kwotazzjonijiet biex jieħdu ħsieb is-soft areas f'dan il-perjodu.

## *30.6 Talbiet żgħar:*

### 30.06.01 *Talba għal Un/Loading Bay fi Triq il-Qalb Imqaddsa*

30.06.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'talba li l-Kunsill irċieva għal-Un/Loading Bay għal Boutique Hotel fi Triq il-Qalb Imqaddsa. Din ġiet irrifjutata minħabba li bħala proċedura l-Kunsill qed jirrifjuta kull tip ta' talba quddiem Boutique Hotels.

### 30.06.02 *Xandiriet tal-Festi ta' San Giljan u tal-Balluta fuq UTV*

30.06.02.01 Iċ-Ċermen ressaq din it-talba u ġie deċiż li din tiġi aċċettata għaż-żewġ festi.

### 30.06.03 *Email dwar Training b'xejn għal użu tat-teknoloġija*

30.06.03.01 Iċ-Ċermen ressaq email dwar Training b'xejn għal użu tat-teknoloġija. Ġie deċiż li l-Kunsill jaċċetta din il-proposta u ssir laqgħa mal-persuni kkonċernati.

### *30.06.04 Talba għal-leave tal-maternita u għal Teleworking*

30.06.04.01 Iċ-Ċermen ressaq talba għal-leave tal-maternita u Teleworking mingħand impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

### *30.06.05 Talba sabiex jieħdu ħsieb taraġ fi Triq Santu Wistin*

30.06.05.01 Iċ-Ċermen ressaq talba sabiex kumpanija tibda tieħu ħsieb taraġ fi Triq Santu Wistin. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

### *30.06.06 Talba għal riklam fuq pubblikazzjoni Lapsi 2026*

30.06.06.01 Iċ-Ċermen ressaq it-talba għal pubblikazzjoni Lapsi 2026 u l-Kunsill qabel unanimament ma din it-talba.

### *30.06.07 Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill u China – Malta Culture and Sports Exchange Promotion Association*

30.06.07.01 Iċ-Ċermen ressaq MOU dwar taħriġ tal-mediċini Ċiniżi u l-Kunsill qabel li ċ-Ċermen għandu jitlaqa mal-persuni kkonċernati sabiex jiġi diskuss aktar dan il-MOU.

### *30.06.08 Talba dwar bdil tal-isem ta Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ*

30.06.08.01 Iċ-Ċermen ressaq talba biex Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ tinbidel l-isem tagħha għal Triq Maurice Decesare. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta peress li kien diġà ħa deċiżjoni li f'dawk in-naħat għalissa ma jinbidlux ismijiet ta' toroq.

### *30.06.09 Email dwar Triq Ross*

30.06.09.01 Iċ-Ċermen ressaq email biex tiġi rranġata l-bankina ta Triq Ross. Ġie deċiż li din għandha tintbagħat lil Transport Malta għal attenzjoni tagħhom.

### *30.06.10 Talba għal Zebra Cross fi Triq id-Dragonara*

30.06.10.01 Iċ-Ċermen ressaq talba għal Zebra Cross fi Triq Dragonara. Ġie deċiż li din għandha tintbagħat lill Transport Malta.

### *30.06.11 Talba għal Totem ġewwa l-Balluta*

30.06.11.01 Iċ-Ċermen ressaq talba sabiex isiru totems ġewwa l-Balluta ħdejn in-NAAR. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

### *30.06.12 Email dwar IVANT 26*

30.06.12.01 Iċ-Ċermen ressaq email dwar IVANT għal attenzjoni tal-Kunsilliera.

### *30.06.13 Talba dwar attività ġewwa l-Mercury*

30.06.13.01 Iċ-Ċermen ressaq email dwar attività ġewwa l-Mercury għal attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-attività.

### *30.06.14 Talba għal Direct Order*

30.06.14.01 Iċ-Ċermen ressaq għal attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza dwar direct order għal Ġnien Spinola. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ser tikteb lill-Ministeru biex jinghata l-permess necessarju.

### *30.06.15 Korrispondenza dwar il-Bankina quddiem il-lukanda Marriott*

30.06.15.01 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza mingħand ic-CRPD dwar problemi li hemm fi triq quddiem il-lukanda Marriott. Ic-Ċermen

għandu jiltaqa' mal-manager tal-lukanda biex tiġi solvuta din il-problema.

***30.06.16 Korrispondenza dwar il-bankina faċċata il-klinika fi Triq Mikiel Ang Borg.***

30.06.16.01 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza dwar il-bankina faċċata il-klinika fi Triq Mikiel Ang Borg. Ġie deċiż li din għandha tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill biex jibda x-xogħol kemm jista' jkun malajr.

**30.07 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

30.07.01 Il-Kunsillier Victor Vella ġibed l-attenzjoni dwar puġġaman ta Triq Andre Marious biex jerġa jsir.

Dwar il-każ ta' Sirdar House, l-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni li reġgħet saret l-applikazzjoni dwar dan il-proġett. Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li bħala Kunsill diġà sar l-appell u l-każ qiegħed f'idejn l-Avukata kkonċernata.

30.07.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill l-iskema numru SPI/SCI/04/2026 iżda ġiet nfurmata li l-Kunsill ma jistax japplika għal din l-iskema minħabba li għandu ieħor pendenti. Dwar l-iskema SPI/SCI/05/2026 ġie deċiż li l-Kunsill jitlob kjarifika mad-Dipartiment jekk il-flus jistgħux jintużaw għat-talba li kienet saret lill-Eċċelenza tagħha Mary Louise Coleiro Preca biex jibda jitħallas psikologu fl-iskola Primarja ta' San Ġiljan.

Dwar Triq il-Kulleġġ l-Antik li tiġi *border* ma' Tas-Sliema, iċ-Ċermen informa li ser tintbagħat ittra lill-istreet naming committee biex tiġi ċċarata din is-sitwazzjoni.

30.07.03 Il-Viċi Sindku Sean Gauci staqsa kemm saru applikazzjonijiet għal world cup village fil-lokalita' u ċ-Ċermen nformah li saru tnejn, wieħed fil-Ġnien Ta' Spinola u l-ieħor Xatt is-Sajjieda.

Il-Viċi Sindku staqsa ukoll dwar il-Pjazza Balluta u c-Ċermen nfurmah li sakemm jinħareġ it-tender tals-soft areas, l-Pjazza ser tibda tkun mnaddfa mill-kennies tal-area.

30.07.04 Il-Kunsillier Carlo Mifsud staqsa dwar il-Kumpless ta' Dun Anton Sciberras. Hu staqsa kemm daħlu proposti ta' kif għandu jintuża dan il-Kumpless. Iċ-Ċermen nforma li ħadd ma' wera nteress però sa nerġgħu noħorġu s-sejħa fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill biex finalment niddeċiedu x 'ser isir.

30.07.05 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa dwar it-tabelli tar-residential parking biex jerġgħu jeħlu kif ukoll għal *sleeping policeman* fi Triq Spinola kif toħroġ minn Vjal Portomaso u ġie nfurmat li hemm request. Il-Kunsillier Amaira ppropona li ssir mera fi Triq Spinola faċċata minn Vjal Portomaso, isiru *repainting* tad-double yellow fejn neċessarju.

Dwar Triq il-Kbira, ic-Ċermen nforma li ġie kkonfermat x-xogħol ġo Triq il-Kbira ser jibda wara s-Sajf jiġifieri Settembru kif ukoll qegħdin nagħmlu *follow up* mal-Perit biex issir l-ahhar parti tat-tarmak bejn l-ATM tal-BOV u latrini pubbliċi tal-Balluta.

**30.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

30.08.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2026 fl-4.30p.m.

30.08.02 Il-laqgħa ntemmet 7.40p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 21 ta' Lulju 2026**